**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 60 tal-4 ta' Diċembru 2017 dwar żvijar tal-Kamra**

Fis-Seduta 59 tad-29 ta' Novembru 2017, waqt l-Onor. Rosianne Cutajar li kienet qiegħda tindirizza lill-Kamra, l-Onor. Robert Cutajar qal hekk:

> "**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Bil-permess tal-Onor. Rosianne Cutajar. Nixtieq nagħmel kumment żgħir li mhuwiex relatat ma' dan imma huwa relatat ma' xi ħaġa li seħħet fil-Kamra ftit tal-ħin ilu. Għadu kif daħal il-Ministru Konrad Mizzi; madwar sagħtejn ilu, il-Ministru li kien qed iwieġeb għan-nom tiegħu qalilna li huwa msiefer fuq xogħol. Ma nafx jekk forsi lħaqtx l-ajruplan qabel, jew qiegħed hawnhekk, imma naħseb li din il-Kamra għandha tiġi rispettata. Meta jkollok Ministru li għan-nom tiegħu, fil-preżenza tiegħek …"

Hawnhekk is-Sedja talbet lill-Onor. Robert Cutajar biex jikkjarifika t-talba tiegħu, u l-Onor. Cutajar wieġeb hekk:

> "**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Nixtieq nistaqsi lill-Ministru Konrad Mizzi għax ftit tal-ħin ilu, meta konna fil-ħin tad-domandi, Ministru li kien qed iwieġeb f'ismu qal li huwa msiefer. Naħseb li din il-Kamra jixirqilha r-rispett. Sur President, inti kont preżenti u tista' tikkonferma dik ir-risposta."

Is-Sedja rringrazzjat lill-Onor. Robert Cutajar u talbet lill-Ministru Konrad Mizzi jagħti spjegazzjoni fil-qosor peress illi kien qed joqrob il-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol. Il-Ministru Konrad Mizzi wieġeb hekk:

> "**ONOR. KONRAD MIZZI:** Kif inhi l-prassi, meta jkollok xogħol tal-Gvern, ġieli jidħol xi ħaddieħor minflokok. Il-Ministru Joe Mizzi daħal minfloki. Jien mhux imsiefer ... (Interruzzjonijiet) *Give me one minute.*"

Wara interruzzjonijiet li qamu, il-Ministru Konrad Mizzi kompla u qal hekk:

> "**ONOR. KONRAD MIZZI:** Illum jien kont qed nibbrijfja lill-ħaddiema tal-*cabin crew* dwar il-*collective agreement* biex insolvu l-problemi li writna minn taħt Gvern Nazzjonalista u l-Air Malta jkollha futur aħjar u l-kollega tal-faċċata jrid iwaqqaf diskussjoni tal-kollega tiegħi *on this point.*"

Hawnhekk is-Sedja qalet li m'hemmx iżjed kummenti, iżda l-Onor. Robert Cutajar talab *point of order* u qal hekk:

> "**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Naħseb li f'dan il-mument għadu kif ikkonferma li l-Ministru kollega tiegħu – issa l-Ministru Konrad Mizzi għoġbu jitlaq 'il barra – żgwida lill-Kamra, meta fil-preżenza tiegħek .... Nixtieq nitlob direzzjoni mingħandek, jekk jogħġbok. Il-Ministru li tkellem f'ismu qal li kien imsiefer, issa qed jgħid li mhux veru kien imsiefer. Napprezza d-direzzjoni tiegħek."

Is-Sedja rrispondiet hekk:

> "**L-ISPEAKER:** Kollox sew, issa dak tarah is-Sedja. Nitlobkom ma tidħlux f'aktar dettall dwarha din, se nidħol fiha jien. Il-Ministru Owen Bonnici."

Hawnhekk il-Ministru Owen Bonnici għamel intervent qasir u qal hekk:

> "**ONOR. OWEN BONNICI:** Biex xi ħaġa *de minimis* ma tikbirx ... (Interruzzjonijiet) Jien dejjem inkun hawn. Jista' jkun li jkun hemm xi *misunderstanding* żgħir. Il-Ministru Konrad Mizzi kellu impenn tax-xogħol. Onor. Cutajar, nassigura lill-Oppożizzjoni li l-Gvern, jekk kien hemm dan il-*misunderstanding, it was a misunderstanding*. Il-Ministru Joe Mizzi żgur li m'għandux l-iskop li jiżgwida lil xi ħadd. (Interruzzjonijiet) L-istorja ma tikbirx u jekk …"

Is-Sedja rrispondiet:

> "**L-ISPEAKER:** Jien smajt l-ispjegazzjoni tal-Ministru Konrad Mizzi, imbagħad tara s-Sedja."

L-Onor. Robert Cutajar hawnhekk qal hekk:

> **"ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Qed nifhem li se tkun qed tagħti *ruling* fuq din?"

Is-Sedja rrispondiet li iva, se tagħti *ruling* ġaladarba l-istess Onor. Cutajar kien qed jitlob *ruling*.

Effettivament dan kollu nqala' waqt il-Ħin tal-Mistoqsijiet, meta l-Onor. Cutajar kien qed jagħmel il-mistoqsija parlamentari nru 348 għan-nom tal-Onor. Jason Azzopardi lill-Ministru għat-Turiżmu. Din il-mistoqsija taqra hekk:

> "Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispiża fuq *fuel* għall-vettura Ministerjali tal-Ministru/Seg. Parlamentari kkonċernat fl-2014, fl-2015 u fl-2016?"

Il-Ministru Joe Mizzi rrisponda d-domanda għan-nom tal-Ministru Konrad Mizzi kif kienet indikata dakinhar tas-seduta u ta l-informazzjoni mitluba dwar il-karozza użata mill-Ministru għas-snin 2014, 2015 u 2016. F'din it-tweġiba qal hekk:

> "Infakkar lill-Onorevoli Interpellant li l-ispiża fuq *fuel* għall-vettura uffiċjali għas-snin 2010, 2011 u 2012 kienet ta' €14,221.42."

F'dak il-mument is-Sedja staqsiet jekk hemmx mistoqsijiet supplimentari, u l-Onor. Robert Cutajar staqsa hekk:

> "**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Ministru, xtaqt nistaqsik, peress li qed tagħti r-risposta inti, tikkonferma li l-Ministru Konrad Mizzi huwiex assenti minħabba xogħol jew inkella minħabba raġunijiet oħrajn?"

Hawnhekk il-Ministru Joe Mizzi rrisponda hekk:

> "**ONOR. JOE MIZZI:** Il-Ministru Konrad Mizzi huwa msiefer, jiġifieri għalhekk qed nirrispondi jien."

It-talba tal-Onor. Cutajar saret għaliex sagħtejn wara, proprju ftit qabel il-ħin tal-Aġġornament, daħal il-Ministru Konrad Mizzi u kkonferma li kien jinsab assenti minħabba raġunijiet ta'

xogħol, preċiżament minħabba laqgħat dwar il-*collective agreement* mal-Air Malta, u li ma kienx effettivament imsiefer. Allura l-Onor. Cutajar talab *ruling* għaliex ħass li l-Ministru Joe Mizzi, minħabba dan il-fatt, kien qed jiżgwida lill-Kamra.

Is-Sedja eżaminat fid-dettall dak li ġara meta tqajmu każijiet simili. Fil-fatt, is-Sedja preżenti kellha diversi okkażjonijiet biex tidħol f'dan is-suġġett, mhux l-inqas f'erba' *rulings* li tat fis-Seduta 192 tat-28 ta' Ottubru 2014, fis-Seduta 326 tas-17 ta' Novembru 2015, fis-Seduta 409 tas-27 ta' Ġunju 2016 u fis-Seduta 455 tat-28 ta' Novembru 2016. Madanakollu s-Sedja se tmur aktar lura u se tagħmel referenza għal *rulings* oħra, tnejn minnhom mogħtija mill-Eks Speaker Anton Tabone: l-ewwel wieħed li kien ta fit-22 ta' Mejju 2002 u t-tieni wieħed fis-16 ta' Lulju 2007. Se nagħmel ukoll referenza għal-*ruling* mogħti fit-30 ta' Novembru 2009 mill-Ispeaker Louis Galea.

Fid-Deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2002, il-każ kien jikkonċerna inċidentalment lill-Onor. Joe Mizzi. Dak iż-żmien l-Onor. Mizzi kien talab lill-Ispeaker tal-Kamra jagħti *ruling* minħabba li kien hemm żgwidar fil-Kamra minħabba li membru tal-Gvern - l-Onor. Jean Pierre Farrugia - kien qed jiġi indikat li huwa assenti mill-Kamra għaliex kien qiegħed jagħmel viżti urġenti bħala tabib. Meta effettivament dan il-Membru daħal fil-Kamra, huwa qal li daħal tard minħabba li nqabad fit-traffiku fil-Belt. Is-Sedja daħlet f'dan il-punt b'mod profond u qalet li ma kien hemm l-ebda żgwidar għaliex iż-żewġ dikjarazzjonijiet ma jmorrux kontra xulxin, għaliex xorta kien hemm ġustifikazzjoni għan-nuqqas tiegħu f'dak il-ħin fil-Kamra.

L-istess fir-*ruling* tas-16 ta' Lulju 2007, sabiex is-Sedja tkun tista' tikkonstata jekk kienx hemm disprezz jew *misleading* tal-Kamra li jista' jwassal għal proċeduri dwar ksur ta' privileġġ, is-Sedja qalet:

> "... li jekk wieħed jigdeb konxjament dwar dak li jkun ġara bil-ħsieb ċar li jqarraq bil-Kamra, ikun ħati ta' disprezz."

F'dan ir-*ruling* insibu wkoll hekk:

> "... l-għoti ta' informazzjoni qarrieqa bil-għan u l-ħsieb li tqarraq bil-Kamra hija att ta' nuqqas ta' qima lill-awtorità tal-Kamra. Insibu fl-*Erskine May* paġna 119 is-segwenti:
>
>> "*The Commons may treat the making of a deliberately misleading statement as a contempt. In 1963 the House resolved that in making a personal statement which contained words which he later admitted not to be true, a former Member had been guilty of a grave contempt.*""

Madanakollu s-Sedja tkompli tgħid hekk:

> "F'dan il-kuntest, is-Sedja ma tistax ħlief tilmenta mill-mod lakoniku b'liema xi kultant ċerti dikjarazzjonijiet isiru u f'dan il-kuntest tattira l-attenzjoni ta' kulħadd għall-bżonn ta' ċertu riġidità u attenzjoni fil-kliem li jintuża, u dan preċiżament ħalli ma jinqalgħux malintiżi imma iżjed u iżjed ħalli ma tingħatax l-impressjoni, anke jekk żbaljata, li persuna tkun qiegħda tiżvija lill-Kamra. Il-problema biex wieħed isib risposta għal dan il-kweżit hija li wieħed irid li jkollu l-konvinzjoni *oltre* kull raġonevoli dubju li l-kelma 'kollettivament' intużat fil-kuntest li ntużat bl-għan li tqarraq bil-Kamra. Huwa veru li dan il-konvinċiment is-Sedja trid tasal għalih fuq bażi *prima facie,* però huwa daqstant

minnu li l-kliem użat irid ikun tali li ma jħalli l-ebda ambigwità f'li wieħed jasal għal tali konklużjoni."

Fl-istess *ruling* is-Sedja tgħid ukoll li:

> "It-tieni kweżit li jrid jitwiegeb huwa jekk membru tal-Kamra jagħti infomazzjoni inveritiera jew inkorreta jinkorrix f'disprezz tal-Kamra. Issa l-privileġġi tal-Kamra u d-disprezz huma regolati mill-Kostituzzjoni u mill-Kap. 113 tal-Liġijiet ta' Malta. Billi n-natura tad-disprezz tirrasenta l-penali huwa ċar li biex ikun hemm sejba ta' disprezz wieħed irid bilfors mhux biss jirradika tali disprezz f'dispożizzjoni ċara tal-liġi imma jkun hemm konvinzjoni *oltre* kull raġonevoli dubju li dik il-persuna tkun ħatja ta' disprezz. Fil-każ preżenti huwa rilevanti [l-artikolu] 11(4) tal-att fuq imsemmi li jiddefinixxi x'inhuma r-reati kontra l-Att dwar il-Privilieġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati."

Fil-fatt, f'dan ir-*ruling* hawn fuq ċitat is-Sedja tirreferi għall-"preżentazzjoni ta' dokument falz bil-ħsieb li jqarraq bil-Kamra", iżda tirrimarka li:

> "Għandna biss l-għoti ta' informazzjoni. Għalhekk wieħed bilfors jkollu jaqa' fuq il-provvediment ġeneriku tas-subinċiż (a) li jitkellem dwar "Kull att ta' nuqqas ta' qima lill-awtorità tal-Kamra bi kliem jew b'ġesti minn xhud jew persuna oħra quddiem il-Kamra jew Kumitat tal-Kamra." Issa ċertament li l-għoti ta' informazzjoni qarrieqa bil-għan u l-ħsieb li tqarraq bil-Kamra hija att ta' nuqqas ta' qima lill-awtorità tal-Kamra."

Fuq dan il-punt kien hemm ukoll *ruling* fit-30 ta' Novembru 2009 mogħti mill-Ispeaker Louis Galea fis-Seduta 172. Hawnhekk is-Sedja qalet li l-*Erskine May* jitkellem biss dwar disprezz lejn il-Kamra meta membri, intenzjonalment, jiżvijaw jew jiżgwidaw il-Kamra. Fil-fatt, l-istess Speaker Louis Galea jgħid hekk:

> "Abbażi tar-regoli li fuqhom tiddeċiedi punt ta' ordni, is-Sedja taqtagħha li fil-każ attwali m'hemmx bażi legali għal punt ta' ordni għaliex l-Ordnijiet Permanenti jagħtu funzjoni lis-Sedja fir-regolamentazzjoni tal-mistoqsijiet iżda mhux tat-tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari. L-ispirtu tal-Ordnijiet Permanenti għandu jinftiehem fis-sens li l-Onorevoli Membri tal-Kamra għandhom l-opportunitajiet meħtieġa biex fil-libertà u bil-protezzjoni kollha li jagħtuhom l-istess Ordnijiet Permanenti jikkummentaw, jikkritikaw, jikkontradixxu jew jiċċensuraw kontenut fit-tweġibiet li jagħtu ministri għal mistoqsijiet parlamentari."

Fil-każ imqajjem mill-Onor. Robert Cutajar, ma tqajjem l-ebda dubju li l-Ministru Joe Mizzi kien qiegħed jirrispondi b'mod preċiż il-mistoqsija parlamentari 348 li għamel l-Onor. Cutajar f'isem l-Onor. Jason Azzopardi lill-Ministru Konrad Mizzi. Min-naħa l-oħra, fil-konfont tal-assenza tal-Ministru Konrad Mizzi, jirriżulta li għalkemm kien hemm ġustifikazzjoni għaliex ma kienx preżenti fil-Kamra, din ma kinitx peċiża anke kif jirriżulta anke mill-istess dikjarazzjoni tal-Ministru Konrad Mizzi meta qal li kien qiegħed fuq xogħol urġenti, mhux barra minn Malta, b'rabta man-natura tal-Ministeru tiegħu. F'dan id-dettall ma jirriżultax li kien hemm il-malintiż li l-Ministru jiżvija lill-Kamra, tant li l-istess Ministru Konrad Mizzi għamel din il-preċiżazzjoni fuq domanda li korrettement għamel l-Onor. Robert Cutajar aktar tard f'dik is-seduta.

Dan il-punt tqajjem ukoll fir-*ruling* li ngħata minn din is-Sedja fis-Seduta 192 tat-28 ta' Ottubru 2014. F'dan ir-*ruling*, b'rabta ma' stqarrija li tkun deliberatament *misleading*, is-Sedja qalet li:

> " ... s-Sedja trid tkun sodisfatta li mhux biss hemm fatti li mhux bilfors ikunu fatti preċiżi, imma li jrid ikun hemm l-intenzjoni speċifika tal-Membru jew il-Ministru f'dan il-każ, li huwa jimmiżlijdja lill-Kamra b'fatti li jaf li mhumiex veritieri. Jiġifieri dan huwa element importanti u kardinali. Tant hu hekk li l-istess *Erskine May* – u issa qed niċċita mhux it-22 edizzjoni li għamel referenza għaliha l-Onor. Jason Azzopardi meta qajjem l-allegat ksur ta' privileġġ, imma qed nikkwota mit-*24th edition* – paġna 254 li jitkellem fuq *Misconduct of Members or Officers*. Taħt il-*heading* li jaqra *Members deliberately misleading the House* jgħid hekk:
>
> > "*The Commons may treat the making of a deliberately misleading statement as a contempt. In 1963 the House resolved that in making a personal statement which contained words which he later admitted not to be true, a former Member had been guilty of a grave contempt.*""

Fl-istess *ruling* is-Sedja kompliet tgħid hekk:

> "Fil-kuntest tal-Kamra tagħna l-kwestjoni ta' disprezz (*contempt*) fil-konfront tal-Kamra stess jew ta' xi Membru tagħha huwa regolat b'Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap.113), (privileġġi, immunitajiet u setgħat li l-Kamra u l-membri jgawdu skont l-Ordni Permanenti 161). L-Artikolu 11 tal-imsemmija Ordinanza jistabbilixxi liema huma r-reati kontra dan l-Att u l-każ *prima facie* ta' dawn ir-reati jista' jagħti lok għal proċeduri legali, inkluż dawk tal-Ksur ta' Privileġġ quddiem din il-Kamra. L-Artikolu 11 (4), subinċiż (i) jipprovdi li kull reat kontra l-Att, "kull min iġib quddiem il-Kamra jew Kumitat tagħha dokument falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat bil-ħsieb li jqarraq lill-Kamra jew lil dak il-Kumitat."

Fil-każ li qegħdin nittrattaw illum, imqajjem mill-Onor. Robert Cutajar fis-Seduta tad-29 ta' Novembru 2017, ma tqajjimx każ ta' ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Ministru Joe Mizzi u lanqas ma jirriżulta li hawnhekk qed nitkellmu fuq dokument li huwa falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat bil-ħsieb li jqarraq lill-Kamra.

Minkejja dan, is-Sedja daħlet ukoll fid-deċiżjoni li tat fis-Seduta 326 tas-17 ta' Novembru 2015, u nikkwota:

> "Każ simili għal dan inqala' fis-seduta parlamentari tas-26 ta' Marzu 2013 tal-House of Representatives ta' New Zealand (vol. 688, paġna 8,896) fejn insibu hekk:
>
> > "*The point that I would like to make to you quite forcefully is that if a Minister has an official report, has read it, and says that he has read it, and if he then deliberately misuses figures from that report in a primary answer, it is my view that that would be a breach of privilege. Clearly, it is a high test, but to suggest that someone can breach privilege only when the information they have is personal – and if they have official information, they cannot breach privilege – appears to me to be wrong. I would ask you to consider that and to rule on it at some stage if you so wish.*"

Hawnhekk qed nikkwota minn punt imqajjem mill-Onor. Trevor Mallard. B'risposta għal dan, l-Ispeaker qal hekk:

> "*The advice I have received is that this is a longstanding practice, and it is based on House of Commons practice. But the member raises a point that is serious. I accept that. I am happy to have another look at the tone of that letter, and I will come back directly to the member.*"

Hawnhekk jirriżulta li ladarba ministru …"

– f'dan il-każ li l-ministru li qed issir referenza għalih f'dan ir-*ruling* tal-Parlament ta' New Zealand fis-seduta msemmija –

> "… meta jkun qed jagħti informazzjoni, ma jgħidx li qed jikkwota minn dokument u allura ma jkunx qiegħed jinterpreta informazzjoni b'mod li jmur kontra dak li effettivament ikun miktub b'mod ċar fid-dokument uffiċjali, aktar u aktar ma jkunx każ ta' għoti ta' informazzjoni li tista' tkun ikkonsidrata bħala *misleading of the House*.""

Fil-fatt, fid-deċiżjoni li tat l-istess Sedja fis-Seduta tas-27 ta' Ġunju 2016 insibu hekk:

> "Din hija konsonanti anke mal-interpretazzjoni tal-Ordni Permanenti 36 tal-Kamra tad-Deputati. Fil-fatt, is-Sedja tagħmel referenza wkoll għar-*ruling* mogħti mill-istess Sedja fis-Seduta 39 tas-26 ta' Ġunju 2013.
>
> Min-naħa l-oħra qed jingħad li l-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni ma qajjimx ksur ta' privileġġ u lanqas għamel referenza għall-Kap. 113, subinċiż (1) tas-subartiklu (4) tal-artiklu 11 dwar jekk il-Kamra hijiex a konjizzjoni ta' dokument falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat bil-ħsieb li jqarraq il-Kamra jew lill-Kumitat."

Dan il-punt tqajjem peress li kull darba li jkollok talba għal ksur ta' privileġġ jew akkuża serja kontra Ministru jew Membru fil-Parlament li *he is misleading the House,* irid ikun hemm dejjem referenza għal xi dokument jew almenu għal xi xhud li jkun qed jagħti informazzjoni falza lill-Kamra. Ċertament li dan mhux il-każ fil-każ tal-Ministru Joe Mizzi. L-ewwel nett ma kien qed jikkwota mill-ebda dokument uffiċjali fit-tweġiba għall-mistoqsija supplementari tal-Onor. Robert Cutajar u lanqas aktar u aktar ma kien *misleading the House,* fis-sens li ma kienx hemm ġustifikazzjoni *più or meno* tal-assenza tal-Ministru Konrad Mizzi waqt il-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari, xi ħaġa li ġiet mill-ewwel spjegata mill-istess Ministru Konrad Mizzi dwar l-assenza tiegħu f'dik is-seduta, kif is-Sedja diġà rrimarkat aktar kmieni f'dan ir-*ruling*.

Is-Sedja, fir-*ruling* li tat fis-Seduta Nru 455 tat-22 ta' Novembru 2016, għamlet referenza għal dak li kien deċiż fil-Parlament Indjan, Lok Sabha, u għall-pubblikazzjoni *Rajya Sabha at Work* li f'paġna 234 taħt il-kapitolu 8 - *Parliamentary Privileges*, jgħid hekk:

> *"If any statement is made on the floor of the House by a member or Minister which another member believes to be untrue, incomplete or incorrect, it does not constitute a breach of privilege. If an incorrect statement is made, there are other remedies by which the issue can be decided. In order to constitute a breach of privilege or contempt of the House, it has to be proved that the statement was not only wrong or misleading but it was made deliberately to mislead the House."*

Is-Sedja tagħmel ukoll referenza għal dak li jintqal fl-*Erskine May, 24th edition*, dwar ir-responsabilitajiet ta' Ministri waqt li qed jagħtu informazzjoni lill-Kamra fil-paġni 201 u 202 dwar "*Ministerial accountability to Parliament*" u nikkwota:

> "*Following a recommendation of the Public Service Committee of the Commons both Houses came to Resolutions to the following effect:*
>
> > *That, in the opinion of this House, the following principles should govern the conduct of ministers of the Crown in relation to Parliament: ministers have a duty to Parliament to account, and be held to account, for the policies, decisions and actions of their departments and Next Steps Agencies; it is of paramount importance that Ministers give accurate and truthful information to Parliament correcting any inadvertent error at the earliest opportunity".*

Hawnhekk qed jingħad li l-importanza dwar każ hux qiegħed *misleading the House* jew le jrid ikun marbut mal-politika tal-Gvern, mad-deċiżjonijiet jew azzjonijiet fid-dipartimenti jew f'dawk l-aġenziji li jirrelataw ma' dak il-Ministru partikolari. Hemmhekk l-informazzjoni trid tkun "*accurate and truthful*". F'dan il-każ, l-informazzjoni li kienet qed jintalab mill-Onor. Robert Cutajar fid-domanda oriġinali inkwestjoni ċertament kien preċiża u allura ma kien hemm l-ebda każ li l-Ministru Joe Mizzi *was misleading the House* għax id-domanda li kienet supplimentari kienet dwar l-assenza tal-Ministru Konrad Mizzi mill-Kamra.

Għalhekk, is-Sedja f'dan kollu ma tarax li hemm każ li l-Ministru Joe Mizzi kien b'mod intenzjonat qed jimmiżlidja l-Kamra meta qal li skont l-informazzjoni li kellu l-Ministru Konrad Mizzi kien imsiefer meta effettivament il-Ministru kien impenjat fuq xogħol ieħor urġenti.

Ir-*ruling* huwa deċiż.